# L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)




### INNEĦĦU L-OSTAKLI!

### FIT-TRIQ IT-TAJBA GĦALL-UGWALJANZA!

Aktar minn 50 sena ilu, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol adottat dak li jibqa' l-aktar strument internazzjonali komplet għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u għall-ugwaljanza fix-xogħol mad-dinja.

Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol) tal-1958 (Nru 111) kienet, dak iż-żmien, viżjoni b'saħħitha għall-futur, u għadha importanti sal-lum daqskemm kienet fi tmiem il-ħamsinijiet. Issa ż-żmien li nfakkru l-ħamsin sena minn din il-Konvenzjoni importanti għall-ugwaljanza u l-progress li nkiseb. Hu ż-żmien ukoll li nirriflettu, għaliex l-għan li tiġi eliminata d-diskriminazzjoni fil-postijiet tax-xogħol, kif stabbilit f'din il-Konvenzjoni, għadu ma ntlaħaqx.

Biex nibqgħu mexjin fit-triq it-tajba li twassal għall-ugwaljanza, issa l-waqt li nidentifikaw u nneħħu l-ostakli li jxekklu l-ugwaljanza tal-ġeneru, u nippromwovuha.

### L-UGWALJANZA TAL-ĠENERU FIL-POST TAX-XOGĦOL: DRITT U PRINĊIPJU FUNDAMENTALI

Sa mill-1919, l-ILO fittxet li tiggarantixxi d-drittijiet tax-xogħol u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-irġiel u n-nisa. L-ugwaljanza hi affermata fil-Kostituzzjoni tal-ILO.

Il-prinċipju ġie stabbilit, b'mod operattiv, għall-ewwel darba fl-1951, meta l-ILO adottat il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Ugwali (Nru 100), ibbażata fuq l-għarfien li d-diskriminazzjoni fil-pagi ma tistax tkun miġġielda jekk ma jkunx assigurat li jkun hemm ħarsien akbar kontra d-diskriminazzjoni tax-xogħol u l-impjiegi.

L-ILO adottat il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol) (Nru 111) fl-1958. L-impenn tal-ILO biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni ġie affermat mill-ġdid fl-1998 fid-Dikjarazzjoni tal-ILO fuq il-Prinċipji Fundamentali u d-Drittijiet fil-Post tax-Xogħol.

Id-Dikjarazzjoni tal-ILO fuq il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, fl-2008, reġgħet affermat li l-ugwaljanza tal-ġeneru u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni huma kwistjonijiet trażversali fl-attivitajiet kollha tal-ILO.

Il-Konvenzjoni (Nru 111) hi milqugħa sew. Il-progress li nkiseb bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fl-opportunitajiet u t-trattament ta' bejn l-irġiel u n-nisa, u r-rwol importanti tal-Konvenzjoni fl-aħħar ħamsin sena, għandhom jissemmew. Dan il-progress għandu jkun inċentiv ieħor għar-ratifikazzjoni universali ta' din il-Konvenzjoni importanti fuq l-ugwaljanza, kif ukoll biex tiġi implimentata b'mod aktar wiesa'.

Sors: L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)

Sħubija

FESETE

**Kofinanzjata mill-:** Kummissjoni Ewropea

# L-Ugwaljanza tal-Ġeneru

THŻ Tessuti, Ħwejjeġ u Żraben



## TAL-AĦJAR PRATTIKI

## FIL-QASAM TAL-UGWALJANZA



## Portugall - Malta - Turkija

FESETE

# Portugall

Il-mod ta' kif huma klassifikati l-professjonali huma aspett regolatorju importanti, għax jagħtu struttura lill-ġerarkiji professjonali u lill-pagi tal-ħaddiema.

Minħabba li l-industriji tat-tessuti, tal-ħwejjeġ u taż-żraben għandhom predomenanza femminili, bejn l-2010 u l-2012, il-FESETE għamlet studju u evalwat ir-rwoli f'dawn l-industriji biex, permezz ta' negozjar kollettiv, jiġu mtejba u korretti l-inġustizzji u d-diskriminazzjonijiet li jista' jkun hemm fil-linji gwida tas-salarji definiti f'Artiklu 23 tal-Kodiċi tax-Xogħol: "xogħol ta' valur ugwali bħal dak li fih ir-rwoli huma ekwivalenti f'termini ta' kwalifiki jew esperjenza meħtieġa, responsabbiltajiet, sforz fiżiku u mentali u kundizzjonijiet li fihom isir ix-xogħol."

Ir-riżultati miksuba kienu ta' importanza kbira kemm għan-negozjar kollettiv kif ukoll għall-ugwaljanza tal-ġeneru, u wasslu għal evalwazzjoni tal-kontenut tal-Konvenzjonijiet Kollettivi tax-Xogħol, biex ikun eliminat il-kontenut kollu li seta' kien qed iġib 'il quddiem id-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa, biex tiġi mħeġġa l-armonija bejn il-ħajja tal-familja u dik professjonali, u biex ikun assigurat kunċett ta' xogħol ta' valur ugwali, mifhum bħala "(...) dak li, għandu differenza fil-kontenut (...) għandu l-istess valur, u li għalih irid jingħata ħlas indaqs."

Minn dan ix-xogħol twil u importanti, joħroġ il-Kuntratt Kollettiv tax-Xogħol għall-industrija tad-djar/tessuti, iffirmat bejn il-FESETE u l-ANIT-LAR (assoċjazzjoni ta' min iħaddem), li jirrappreżenta avvanz kwalitattiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-eliminazzjoni ta' kontenut diskriminatorju fin-normi, kif ukoll għall-promozzjoni ta' armonija bejn il-ħajja tal-familja u dik professjonali, billi jipprovdi li:

- Il-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-maternità u l-paternità, u jaqsmu r-responsabbiltajiet tagħhom għal uliedhom;
- L-għajnuna mogħtija lill-ħaddiema nisa għall-kura tat-tfal tagħhom matul il-jum fi skola tan-nuna, skola bikrija jew istituzzjoni oħra, sakemm ikollhom sitt snin, tingħata wkoll lill-missirijiet;
- Ikun assigurat l-aċċess għall-kategoriji professjonali kollha għall-ħaddiema kollha.

# Turkija

Il-parteċipazzjoni tan-Nisa fl-Ekonomija Torka – Pjattaforma għall-Ugwaljanza fix-Xogħol – Il-Pjattaforma għall-Ugwaljanza fix-Xogħol kienet stabbilita waqt il-Forum Ekonomiku Dinji fuq il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u r-reġjuni fl-Ewro-Asja, li sar mill-4 sas-6 ta' Ġunju 2012, f'Istanbul, it-Turkija.

Il-Pjattaforma għall-Ugwaljanza fix-Xogħol ġiet stabbilita biex tikkoordina u timplimenta r-responsabbiltà għat-tnaqqis tal-firda eżistenti ta' bejn l-irġiel u n-nisa fil-parteċipazzjoni u fl-opportunitajiet ekonomiċi b'10% fi tliet snin, kif indikat fir-rapport "Il-Firda Globali Bejn il-Ġeneri", ippubblikat mill-Forum Ekonomiku Dinji fl-2012. Minn dan ġiet żviluppata d-Dikjarazzjoni tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru biex tiġi iffirmata mill-kumpaniji.

Fit-Turkija, il-ħaddiema nisa jistgħu jiksbu aktar drittijiet bl-intervent aktar attiv ta' *union* tax-xogħol. Il-ħaddiema nisa jiffurmaw parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol fl-industrija tat-tessuti, u l-isforz biex jissieħbu f'*union* jista' jwassalhom għal kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol u għal armonija akbar bejn il-ħajja tal-familja u dik professjonali. Il-konvenzjonijiet kollettivi tax-xogħol għalhekk jistgħu jħarrġu lill-ħaddiema nisa u jgħinuhom isaħħu drittijiet diġà stabbiliti, u jiksbu wkoll diversi drittijiet u opportunitajiet.

Il-kuntratti kollettivi ffirmati minn DISK Tekstil jestendu d-drittijiet tal-ħaddiema mressqa fil-liġi fir-rigward tal-*leave* tal-maternità u d-dritt għal kura bikrija tat-tfal, pereżempju, fil-kumpaniji British Coats f'Bursa (fejn 60% tal-ħaddiema huma nisa) u Kilim Mensucat f'Edirne (fejn 50% tal-forza tax-xogħol hi femminili). F'dawn il-kumpaniji, il-ftehmiet wasslu għal żidiet fil-pagi 'l fuq mir-rata tal-inflazzjoni, id-dritt għal kura tat-tfal minn kmieni u d-dritt għal xogħol skont l-istandards tax-xogħol għas-saħħa u s-sigurtà.

Fil-kumpaniji American VF f'Soke (fejn 63% tal-forza tax-xogħol hi femminili) u BCS f'Bursa (fejn 58% tal-forza tax-xogħol hi femminili), wara perjodu ta' sentejn ta' sforzi u xogħol, il-ħaddiema kisbu Ftehmiet Kollettivi tax-Xogħol, u għalhekk ukoll il-possibbiltà li jkollhom id-drittijiet tagħhom estiżi, bħal ngħidu aħna, b'pagi aħjar, bi tmien sigħat xogħol fil-ġurnata, u bl-għoti ta' premjijiet u benefiċċji soċjali oħra.

Dan wassal biex ħaddiema miż-żewġ kumpaniji kisbu kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol, pagi ogħla, tmien sigħat xogħol fil-ġurnata, assigurazzjoni u benefiċċji soċjali oħra.

# Malta

Sa mill-2010, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) f'Malta tat iċ-Ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza lill-kumpaniji li wrew impenn li jtejbu l-prattiċi fil-qasam tal-ugwaljanza tal-ġeneru.

Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza tingħata lill-kumpaniji li jagħmlu l-ugwaljanza tal-ġeneru valur korporattiv, u lil dawk li l-immaniġġjar tagħhom hu bbażat fuq l-għarfien u l-promozzjoni tal-potenzjal tal-ħaddiema kollha, indipendentament mill-ġeneru u r-responsabbiltajiet tal-familja.

Il-Marka tal-Ugwaljanza hi parti minn programm ta' erba' snin iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) bl-isem, "Liberate the Female Potential" (Nilliberaw il-Potenzjal Femminili).

Il-proċess ta' ċertifikazzjoni jibda meta organizzazzjoni tapplika formalment mal-NCPE billi tibgħat id-dokumenti meħtieġa li jikkonfermaw l-eliġibbiltà tagħha għall-Marka tal-Ugwaljanza, li mbagħad jiġu evalwati. Meta jiġu applikati r-rakkomandazzjonijiet, id-dokumenti preżententi jiġu vverifikati mill-Promotur tal-Marka tal-Ugwaljanza waqt żjarat fil-faċilitajiet tal-kumpanija.

Il-proċess sħiħ hu kollu hemm hu kunfidenzjali biex iħeġġeġ il-kumpaniji japplikaw, anke jekk il-Marka tal-Ugwaljanza ma tingħatax fi tmiem il-proċess. Id-deċiżjoni finali tittieħed b'vot mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni, li jifformula wkoll rakkomandazzjonijiet għal min iħaddem biex jikkunsidra jekk hemmx kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati qabel ma l-kumpanija tiegħu/tagħha tkun eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza.